**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

**Illum, 18 ta' Gunju 2024**

Rikors Numru: 184/24 AL

A B

vs

C B

(M.R. Numru 1111/1992)

Il-Qorti;

Rat ir-rikors li ġie kkonfermat bil-ġurament mir-rikorrenti li permezz tieghu espona:

1. ILLI l-kontendenti żżewġu nahar it-tmienja u għoxrin (28) ta' Gunu elf disgħa mija u tnejn u disghin (1992) (Dok C)

2. ILLI l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Krystle Frendo Galea datat sebgħa (07) ta' April elfejn u tnejn u għoxrin (2022) Dok A.

3. ILLI t-tfal li twieldu minn dan iż-żwieġ illum huma maggiorenni.
4. ILLI il-kontendenti kienu permezz ta' klawsola erbgħa (4) tal-prečitat kuntratt irrinunzjaw reċiprokament mid-dritt li jitolbu u/jew jirċievu manteniment mingħand xulxin;
5. ILLI ma hemm l-ebda propsett ragionevoli illi ikun hemm rikonciliazzjoni bejn il- kontendenti, stante illi apparti li ilhom jgħixu separatament għal kważi sentejn (2) presenzjalment it-tnejn għandhom il-ħajja separata tagħhom;
6. ILLI l-fatti su riporati jissodisfaw il-kwesiti għall-ottjeniment tal-hall miż-żwieġ a tenur ta' artikoli 66A eq seq tal-Kap 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

Talab lill-intimata tghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex:

1. TIPPRONUNZJA d-divorzju bejn il-kontendenti;
2. TORDNA lir-reġistratur tal-Qorti sabiex fiż-żmien kontemplat jinnotifka lid-direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-digriet tad-Divorzju sabiex dan jiġi registrat fir-Reġistru Pubbliku.

Rat in-nota tal-intimata li permezz taghha ddikjarat li ma hemmx provi jew trattazzjoni ulterjuri x'taghmel, peress li mhix qed topponi t-talba tal-attur.

Ghaldaqstant, bir-rispett kollu qed tistieden lil din il-Qorti tghaddi ghas-sentenza.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti;

Rat id-digriet taghha tas-7 ta' Mejju, 2024;

Rat l-affidavit bix-xiehda tal-intimata;

Rat in-nota tal-intimata;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi il-Qorti rat illi ir-rikorrenti irnexxielu jissodisfa ir-rekwiziti kollha meħtieġa mill-Liġi sabiex żwieġ jiġi maħlul u dana peress illi ipprova illi l-partijiet ilhom legalment separati mis-7 t'April 2022;

Illi l-Qorti rat illi r-rikorrenti ipprova ukoll illi ma hemm l-ebda prospett raġonevoli ta' rikonċiljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' ħlas ta' manteniment;

Għaldaqstant, u għar-raġunijiet fuq imsemmija, il-Qorti filwaqt illi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-ħall taż-żwieġ bejn il-partijiet u tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fi zmien għaxart ijiem minn mindu s-sentenza ssir *res judicata*, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqgħu bla taxxa bejn il-partijiet.

Il-Qorti qegħda takkorċja t-terminu tal-appell għal erbat ijiem.